MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 349/2013

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**David Xuereb**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni kontra David Xuereb bin Carmel u Josephine nee Frendo imwieled tal-Pieta' fil-4 ta' Jannar 1973 u joqgħod 7, Fiorelina, Triq Vincenzo Bugeja il-Furjana u li għandu n-numru tal-identita' 42873(M) akkużat talli

B'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, minn Frar sa Marzu 2013, meta hekk ordnat xi Qorti

jew hekk kien marbut b'kuntratt, naqas li jagħti lil Chantal Xuereb u / jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għalih u / jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tat-8 tat-Lulju 2013 li biha l-Qorti tal-Maġistrati, wara li rat l-artikoli 18 u 338z tal-Kap 9 illiberat lill-imputat (appellant) bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ieħor fi żmien tliet xhur ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat il-ħlas ta' 500 Ewro fi żmien xahrejn ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant intavolat fis-16 ta' Lulju 2013 li bih huwa elenka l-aggravji tiegħu. L-ewwelnett huwa ssottometta li s-sentenza tat-8 ta' Lulju 2013 hija nulla għaliex m'għandhiex ir-rekwiżiti li titlob il-liġi.

Bla preġudizzju għal din is-sottomissjoni, l-appellant ssottometta wkoll li huwa qatt ma seta' jinstab ħati skont l-imputazzjoni għaliex huwa kien qed iħallas kollox permezz ta' ċekkijiet. L-imputat kien ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti li huwa kien għamel lil martu b'kopji ta' ċekkijiet u bank drafts fejn kien il-każ. U fejn il-pagamenti ingħataw fi flus kontanti f'seduti quddiem l-Ewwel Qorti kien hemm ukoll indikazzjoni tad-data tas-seduti u l-udjenzi relattivi.

Jekk l-appellant kien ħallas kollox, allura l-Qorti tal-Maġistrati qatt ma kellha tagħti ordni sabiex l-appellant iħallas. Il-Qorti Ċivili kienet saħansitra ċaħdet it-talba tal-kwerelanta b'digriet tas-16 t'April 2013.

Għalhekk l-appellant talab lil din il-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mogħtija nhar it-8 ta' Lulju 2013.

Rat il-verbal tal-10 ta' Jannar 2014 a fol 60 tal-proċess li fih l-avukat difensur spjega għala kien qajjem l-ewwel aggravju. Dana kien għaliex is-sentenza mogħtija a fol 36 u 37 tal-proċess qatt ma ngħatat lill-appellant.

Il-Qorti semgħet lix-xhieda mill-ġdid.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li mill-affidavatgi ta' P.S. 11 Daniel Zammit, jirriżulta li fit-28 ta' Marzu, 2013, kienet marret tirrapporta Chantelle Xuereb (ID 460378M) illi żewġha David Xuereb (ID 42873(M) kiennaqas milli jagħti l-manteniment dovut lil uliedha hwekk kif ordna mill-Qorti. L-ammont tal-manteniment huwa ta' 250 Euro kull erba' ġimgħat. David Xeuereb kien ilu ma jħallas il-manteniment mis-26 ta' Diċembru 2013 sat-18 ta' Marzu 2013.

David Xuereb kien wieġeb li f'dak iż-żmien ma setax iħallas fil-ħin għax ma setax isib xogħol fiss. (ara fol 4).

Xehdet Chantelle Xuereb li qalet li hija ma tħallsitx ta' Frar u Marzu 2013. Hija qalet li wara Awwissu 2013 ma kienx sar ħlas aktar. Hija qalet li kienet tħallset f'Awwissu 2013 iżda ta' dawn ix-xharjen (Frar u Marzu 2013) ma kenitx tħallset. Fit-23 ta' Settembru, 2013 kienet intbagħtet ittra lill-appellant fejn fih insistiet li ta' dawn ix-xahrejn kienet għadha ma tħallsitx. Is-soltu l-ħlas isir b'ċekk li jmur għand l-avukata tagħha. Imbagħad b'ittra jikkonfermaw il-ħlasijiet li jkunu saru. Hija kkonfermat li kien sar rikors dwar dak l-ammont li kellu jingħata lilha. Il-Qorti ma kenitx laqgħetu iżda mhux għax ċaħditu. Hija kellha tingħata 500 Ewro.

Fil-kontro-eżmi x-xhud ikkonfermat li kien hemm pagamenti li saru quddiem il-Maġistrat. Hija rreferiet għal darba waħda fejn ħallasha 'cash'. Qalet ukoll li kien hemm xi ħaġa pendenti ta' April 2013. Hija kkonfermt li dawk ix-xahrejn għadhom pendenti. Ix-xhud kieent murija dokumenti li juru li Frar u Marzu kienu nqabżu (fol 63).

Xehed ukoll l-appellant li ngħata l-proċess f'idejh ħalli jkun njista' jikkonsulta d-dokumenti. Huwa semam l-figuri 237.50 u 45 li huwa kien offrielha quddiem il-Maġistrat Vella (280 Ewro) li martu kienet irrifjutat għax ma kinux qablu dawr l-ammonti. Imbagħad hemm rendikont sat-8 ta' Lulju 2013 fejn kien ħallas b'kollox €4500 u dan ikopri sa Lulju 2013.

(Il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tax-xhud li ċ-ċitazzjoni ma kellhiex x'taqsam mas-sena 2012). L-appellant irrefera għal digriet mogħti mill-Qorti tal-familja li rrefera għas-sena 2011 u dan kien ġie rifjutat mill-Imħallef tal-Qorti tal-familja. Huwa qal li l-manteniment għax-xhur imsemmija fiċ-ċitazzjoni kien għaddieh.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li huwa u martu qatt ma jaqblu dwar l-ammonti mogħtija. (fol 68). Huwa qatt ma kien jingħata riċevuta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Dwar l-ewwel aggravju. In-Nullita' tas-sentenza.**

Mill-proċess jirriżulta li barra l-komparixxi hemm ukoll sentenza dattilografata li fiha hemm imsemmija l-artikoli, 338(z) u 18,u l-Kap 9. Il-fatti jinsabu fiċ-ċitazzjoni nnfisha. Skotn ġurisprudenza kostanti, l-għoti tar-raġunijiet f'kawżi sommarji mhux meħtieġ. Għalhekk is-sentenza fiha r-rekwiżiti kollha li jitlob l-artikolu 382 tal-Kap 9. Konsegwentement il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju.

**Dwar it-tieni aggravju. Il-mertu.**

Din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati jekk ma jkunx hemm raġuni serja.

Il-Qorti għarblet ix-xhieda, d-dokumenti kollha u t-trattazzjoni orali magħmula mill-partijiet.

Mid-dokumenti jirriżulta wiehed li għandu x'jaqsam mas-sena 2012 u għalhekk m'għandux x'jaqsam mal-mertu ta' din il-kawża

Dokument ieħor (a fol 9) huwa datat 4 t'April 2013 u jirreferi għall-ħlas ta' manteniment bejn il-5 ta' Jannar 2013 u l-4 ta' Frar 2013.

A fol 10 jidher cheque għal 237.50 bid-data 3 t'April, 2013.

Id-dokumenti a fol 12 sa 17 m'għandhomx x'jaqsmu mal-każ.

Minn fol 18 tidher il-figura ta' 237.50 u d-data tat-3 t'April, 2014. Imbagħad fit-12 ta' Ġunju tidher il-figura ta' 45.00. Dawn jidhru li tħallsu b'cheque.

Imbagħad, skont l-istess dokument imħejji mill-appellant, jidher li fl-20 ta' Mejju 2013 huwa ħallas 712-il Ewro f'cash. Iżda għal-liema xhur dawn tħallsu ma jirriżultax. 9Ara wkoll fol 22).

A fol.19 u 20 hemm payment schedule.

A fol 21 hemm bank draft datat 19 ta' Ġunju 2012 u għalhekk m'għandux x'jaqsam ma' dan il-proċess.

A fol 23, 24 u 25 jidhru cheques bid-data 25 t'Ottubru 2012, 22 ta' Novembru 2012 u 30 ta' Jannar 2013 rispettivament u għalhekk m'għandhomx x'jaqsmu ma' dan il-proċess.

A fol 26 hemm dokument mhux datat li jirriproduċi ċ-cheques li saret referenza għalihom a fol 10 u 18 li jidher li ma kinux aċċettati mill-kwerelanti (skont ma xehed l-appellant). Dan id-dokument iċ-cheque ta' 45 Ewro sabiex l-ammont dovut sal-aħħar ta' Mejju jkun issaldat.

Mid-dokumenti ppreżentati a fol 28 et, jirriżulta li l-appellant ma kienx qed jaħdem u kien qed jipprova jħallas il-manteniment bl-għajnuna tal-ġenituri tiegħu. Huwa rega li kellu jagħti 1076.49 f'manteniment iżda qabel li kellu jagħti manteniment ta' xahrejn. (fol 33).

A fol 35 il-Qorti tal-Familja ċaħdet it-tieni talba fir-rikors promotorju intavolat minn mart l-appellant.

Wara li eżaminat id-dokumenti, jirriżulta ċar kemm mill-affidavit ta' PS11 Daniel Zammit, minn dak li xehdet Chantel kif ukoll minn dak li tniżżel fid-dokument għan-nom tal-appellant fil-paragrafi 12 u 13 (fol 33) li żgur ma kienx tħallas fil-ħin il-manteniment ta' Marzu u Frar 2013.

Isegwi li jirriżulta li l-appellant huwa ħati skont l-akkuża.

Jirriżulta wkoll li waqt li l-kwerelanti rnexxielha tipprova li l-ħlas għal Frar u Marzu għadu dovut, l-appellant ma rnexxilux jipprova fuq bażi ta' probabilita' li huwa ħallas l-ammont għax-xhur

msemmija. Figuri li jindikaw li sar xi ħlas f'cash mingħajr irbit speċifiku ma' dati mhux biżżejjed biex iwasslu għal prova fuq bażi ta' probabilita'. Aktar u aktar meta l-figura mħallsa tkun anqas minn dik li tkun globalment dovuta jekk wieħed jikkonsidra l-ammont dovut bħala manteniment u l-ammont indikat bħala mgħoddi lill-kwerelanti.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant u konsegwentement qed tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fit-8 ta' Lulju 2013 fl-intier tagħha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------